MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 863/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Joseph Spiteri u martu Carmen Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Spiteri nghataw self mill-Bank attur ai termini ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool tat-22 ta' Novembru 2006 [kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok. **HSBC 1** u kopja tas-*sanction letter* relattiva hija wkoll esebita bhala Dok. **HSBC 2**];

Il-konvenuti effettwaw numru ta’ pagamenti, pero’ ma baqghux jonoraw il-hlasijiet mensili miftiehma u huma prezentement debituri tal-bank attur f’ammont bilancjali ta’ sittax-il elf disa’ mija u tlettax-il Ewro u tnax-il centezmu (€16,913.12) oltre interessi, kif jirrizulta mill-*istatement* anness bhala Dok. **HSBC 3**;

Ghalhekk il-konvenuti tilfu l-beneficcju taz-zmien;

Ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt fuq riferit u ghalhekk permezz tal-prezenti proceduri, il-Bank esponenti sejjer jitlob li jesegwixxi dan it-titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenuti ghall-bilanc illi ghadu dovut ai termini tal-artiklu 258(c) tal-Kap. 12 li jipprovdi li l-attur ghandu “jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-ezekuzzjoni tieghu u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut”;

Talab il-Bank attur jghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-konvenuti m’onorawx il-pagamenti mensili miftiehma u ghalhekk tilfu l-beneficcju taz-zmien;

Ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tawtorizza lill-Bank attur sabiex jesegwixxi t-titolu ezekuttiv emanenti mill-kuntratt tat-22 ta’ Novembru 2006, stante illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratti u stante li d-dejn ghadu mhux saldat kollu.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet dovuti, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ Carmen Spiteri, li permezz taghha ammettiet it-talbiet kif dedotti.

Rat in-nota ta’ Joseph Spiteri, li permezz taghha, hu wkoll ammetta t-talbiet tal-Bank rikorrenti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ HSBC Bank Malta p.l.c., bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph u Carmen konjugi Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------